# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. D. Clarke LL.D.

**Illum 26 ta' Ottubru 2015**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**

**vs**

**Noel Schembri**

**Kumpilazzjoni Nru: 805/2008**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Noel Schembri u detentur tal-karta ta' l-identita' Maltija numru 29876(M).

Akkuzat talli fis-26 ta' Lulju 2008 ghall-habta ta' 21:00hrs, gewwa Triq ic-Cimiterju, Zabbar habb ghall-Chalcedon Vella, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 527577(M) u kkaguna griehi ta' natura gravi skond ma ccertifika Dr. Jan Janula mill-Isptar Materi Dei.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din

l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, u min-naha l-ohra ic-cirkostanzi li wasslu ghall-incident in ezami, id-dekors taz-zmien minn meta sehh l-incident, u l-fatt li llum l-partijiet kollha involuti poggew dan l-incident warajhom u r-relazzjonijiet ta' bejniethom huma ristabbiliti; hadet in konsiderazzjoni ukoll il-fedina penali aggornata ta'l-imputat li minnha jirrizulta biss kundanna wahda fis-sena 1995.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 214, 215, 216(1)(a)(ii) u 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sena.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**